# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 30**

**Avviz numru 345/02mm**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur proprio et nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tmintax-il lira u erbgha u tletin centezmu (Lm2618.34) lill-attur proprio et nomine, rapprezentanti erbgha u tletin (34) kambjaliet ta' Lm77.01 kull wiehed mahrugin milll-konvenut fit-8 ta' Mejju, 1998, favur l-attur proprio et nomine u li mmaturaw bejn Awissu, 1999, u Mejju, 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali, oltre ghall-imghaxijiet relattivi mid-dati tal-iskadenza tal-kambjaliet sa' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur proprio et nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Gunju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.